15 ta' Settembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Muscat

**Reċidiva — Kontravvenzjoni — Piena — Art. 53 u 7 (2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-artikolu tal-liġi dwar ir-reċidiva ma hux applikabili f'każ ta' kundanna għal kontravvenzjoni, jekk bejn il-każ taħt eżami u l-kundanna preċedenti jkun għadda t-terminu ta' tliet xhur.*

*Salva d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reċidiva, u salvi liġijiet speċjali, il-kontravvenzjonijiet ma humiex punibili bil-priġunerija.*

Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli fit-28 ta' Mejju 1951, f'xi t-8.15 p.m., bħala li huwa għandu l-permess tal-ħanut tax-xorb spirituż f'numru 94, Strait Street, il-Belt, ippermetta lil Teresa Anastasio, ta' 16-il sena, li toqgħod fl-istess ħanut, u lil Giuseppa Taylor u Giuseppa Magri li jagħmluha ta' barmaids fl-imsemmi ħanut meta' ma kienux reġistrati għand il-Pulizija li jagħmluha ta' barmaids fl-imsemmi ħanut, u fuq it-talba tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenza minħabba li l-imputat huwa reċidiv, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-8 ta' Awissu 1951, wara li rat in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 392 ta' l-1929 u l-art. 316 tal-Kodiċi tal-Pulizija, sabet lill-imputat ħati skond l-akkuża, u kkundannatu tlitt ijiem priġunerija;

L-imputat appella fuq il-piena;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-avukat ta' l-appellant kemm l-Avukat tal-Kuruna;

Il-Qorti tosserva li, għalkemm l-appellant huwa reċidiv f'kontravvenzjonijiet, l-aħħar kundanna preċedenti għall-każ in kwistjoni kienet fis-6 ta' Gunju 1950; għaldaqstant l-art. 53 tal-Kodiċi Kriminali, relativ għall-piena tar-reċidivi, mhux applikabili; għax bejn il-każ in eżami u l-kundanna preċedenti għaddew iżjed minn tlet xhur. Salva d-dispożizzjoni ta' l-art. 53 fuq imsemmi, u salvi liġijiet speċjali, il-kontravvenzjonijiet mhumiex punibili bil-priġunerija (art. 7 (2) Kodiċi Kriminali). Għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setgħetx tapplika l-piena tal-priġunerija; u għalkemm f'każi simili hija wkoll applikabili l-piena tad-detenzjoni, fil-każ in eżami ma jidherx li hemm gravità tali li tiġġustifika dik il-piena;

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell rigward il-piena, u tibdel il-piena f'ammenda ta' £5, bil-fakoltà lill-appellant li jħallasha fi żmien jumejn.